Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,324, 3 ta' Settembru, 1996
Taqsima B

A.L. 171 ta' l-1996

ATT TA' L-1994 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XII TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1996 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Bord ta' l-Appelli)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud u l-paragrafu (2) tal-partita 7 tas-Sitt Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-sehh.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Bord ta' l-Appelli), u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1996 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Bord ta' l-Appelli), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 50 ta' l-1996.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fit-18 ta' Marzu, 1996.

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-sub paragrafu (ċ) tal-paragrafu (1) tar-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "il-paragrafu (2)" għandhom jidħlu l-kliem "il-paragrafu (3)".